# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Tnejn ghoxrin (20) taʼ Novembru 2017**

**Rikors Numru 290/15 FDP**

**Dr John Bonello**
**(ID 534080M)**

**vs**

**Dr Nicholas sive Colin Calleja**
**(ID 580063M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fl-1 ta’ Ottubru 2014 fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti issejjah lill-intimat u jghid ghaliex:

> *prevja dikjarazzjoni li ilment li inti ressaqt fil-konfront tal-Avukat Dottor John Bonello u li gie michud b decizjoni tal-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali kostitwit skond l-Art. 3 tal-Att dwar Kummissioni ghall- Amministrazzjoni tal-Gustizzja (Kap. 369), tal-1 ta' Gunju 2015 kien infondat u sar b’negligenza kbira, jew b mod malizzjuz jew vessatorju, thallas is somma ta' mitejn u sitta u tletin euro (€236) rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur fil-proceduri imsemmija oltre ghal dak l-ammont li jigi minn dina l-Onorabbli Qorti ffissat u li ma jeccedix is-somma ta' erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin euro u hamsa u sebghin centezmu S (€4,658.75) ai termini tal-Art. 6(2)(c) tal-Kap. 369.*
>
> *Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ppresentata fis 27 ta’ Ottubru 2015, fejn l-intimat laqa’ ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti eccezzjonijiet:

> *1. Illi fl-ewwel lok I-esponent ma ha l-ebda azzjoni quddiem il-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali. L-uniku ilment li ghamel kien lill-Kamra ta' l- Avukati, li*

*din, a diskrezzjoni taghha u minghajr ma nfurmat lill-esponent, ghazlet li tirreferi lilment lill-Kumitat appena msemmi. Illi ghalhekk l-esponent m'ghandux jahti talli l-kaz gie riferut kif appena msemmi u skatta allura process taht il-Kap. 369 tal-Ligijiet ta' Malta, meta dan ma sarx b'agir tieghu.*

*2. Illi, kif ghandu jirrizulta fil-kors tal-kawza, mhuwiex minnu illi l-ilment de quo kien infondat, jew sar b negligenza kbira, jew b mod malizzjuz jew vessatorju, u ghaldagstant ukoll -esponent m ghandu jigi kkundannat ihallas xein lill- konvenut.*

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Deborah Farrugia**, segretarja tal-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali, moghtija fil 21 ta' Jannar 2016, fejn gharrfet lill-Qorti illi, a tenur tal-Artikolu 7 tal-Kap 369, peress illi l-proceduri inzammew *in camera*, id-decizjoni finali tibqa *in camera* wkoll u ma tistax tigi ppubblikata.

Ra l-affidavit ta' **Dr John Bonello** ippresentat fil 21 ta' Jannar 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppresentati.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Richard Sladden**, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-17 ta' Marzu 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Carmel Cascun**, prodott mir-rikorrent u moghtija fis-17 ta' Marzu 2016.

Rat illi fl-20 ta' Gunju 2016 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat l-affidavit ta' **Dr Colin Calleja** ippresentat fis 17 ta' Novembru 2016 flimkien ma' dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ta' Dr Colin Calleja illi saret fit 13 ta' Frar 2017.

Rat l-affidavit ta' linja ta' **Michael Calleja, Carmen Brincat u Violet Fletcher** illi jikkonfermaw il-kontenut kollu tal-affidavit ta' Dr Colin Calleja, liema affidavits gew ippresentati fl-1 ta' Marzu 2017.

Semghet ix-xhieda in ezami u kontro ezami ulterjuri ta' Dr Colin Calleja illi saret fis 6 ta' April 2017.

Semghet il-kontro ezami ta' Dr John Bonello moghtija fil 25 ta' Settembru 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Stefan Camilleri**, Segretarju tal-Kamra tal-Avukati, moghtija fil 25 ta' Settembru 2017.

Rat illi fil-25 ta' Settembru 2017 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-30 ta' Ottubru 2017, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi r-rikorrenti huwa Avukat u jippresta s-servizzi tieghu bhala Avukati.

Jirrizulta illi r-rikorrent kien qieghed jippresenta s-servizzi tieghu lill ahwa Bernadette u Marcette Debrincat illi kienu dahhlu f'konvenju mal-familja ta' l-intimat, Dr Colin Calleja.

Jirrizulta, di fatti, illi l-familja ta' l-intimat kienet dahhlet f'konvenju sabiex tbiegh appartament f'San Gwann, liema konvenju izda waqa'.

Jirrizulta illi l-klijenti tar-rikorrenti, l-ahwa Debrincat, meta ffirmaw il-konvenju ma' l-intimat u l-familja ta' l-intimat, kienu hallew cekk bhala depositu ta' €10,200 man-nutar illi kien ghamel il-konvenju, liema depositu huma kienu qed jitolbu li jiehdu lura rizultat tal-fatt illi l-konvenju ma kienx wassal ghall-akkwist minnhom mixtieq.

Jirrizulta, di fatti, illi, ghal ragunijiet li taf biss il-familja tal-intimat Dr Calleja u Dt Calleja stess, huma kienu naqqsu milli jirregistraw il-konvenju mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif trid il-Ligi u, ghalkemm, wara li skada il-komnvenju, ippresentaw Ittra Ufficjali kontra l-ahwa Debrincat sabiex dawna jersqu ghall-kuntratt finali, kienu eventwalment naqqsu milli jipprocedu kontra l-ahwa Debrincat kif jistipula l-Artikolu 1357 (2) tal-Kap 16, bir-rizultat illi d-depositu mhallas mill-ahwa Debrincat kellu jigi lilhom rifuz.

Jirrizulta illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn ir-rikorrent, bhala konsulent legali ta' l-ahwa Debrincat u l-konsulent legali tal-familja ta' l-intimat, liema skambju ma wassalx ghar-rifuzjoni tad-depositu fuq imsemmi peress illi l-intimat w il-familja tieghu kienu qed jippretendu li jithallsu ta' spejjez illi huma kienu ghamlu fl-appartament li kien ser jinxtara mill-ahwa Debrincat, liema xogholijiet kienu saru allegatament fuq talba ta' Debrincat.

Jirrizulta illi, minkejja tali korrispondenza, l-intimat ghamel diversi tentattivi sabiex jikkomunika direttament mar-rikorrent u dana minghajr ma jinvolvi l-konsulent legali tieghu, izda r-rikorrent dejjem irrifjuta li jitkellem mieghu peress illi l-intimat kien assistit minn avukat u r-rikorrent kien obbligat jitkellem biss mal-konsulent legali tieghu.

Jirrizulta illi, sussegwentement, ir-rikorrent, bhala konsulent legali ta' l-ahwa Debrincat, meta raha illi l-flejjes dovuti ma gewx mghoddija lura, ippresenta Ittra Ufficjali fil 21 ta' Lulju 2014 a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 kif ukoll Mandat ta' Sekwestru fil-konfront ta' l-intimat w il-familja tieghu ghall-hlas tas-somma ta' €10,200.

Jirrizulta illi, mument minnhom, wara li giet ippresentata tali ittra, r-rikorrent flimkien mal-konsulent legali tal-familja ta' l-intimat kienu qed jippruvaw jaslu fi ftehim illi jinghadda lura c-cekk li l-ahwa Debrincat kienu ghaddew lin-Nutar izda jirrizulta illi l-intimat kien qieghed jirrifjuta illi jaghmel dan u kien qieghed jinsisti li l-flejjes jigu depositati l-Qorti.

Jirrizulta, di fatti, illi flok ma inghadda c-cekk lura lill-ahwa Debrincat min-Nutar, eventwalment in-Nutar, permezz ta' cedola, ghazel illi jiddeposita tali cekk fil-Qorti fid-29 ta' Lulju 2014 minflok ma' jghaddieh lill-ahwa Debrincat.

Jirrizulta illi sussegwentement, ftit jiem wara, il-flus hemm iddepositati gew sbankati u l-Mandat ta' Sekwestru tnejna u ghar-rikorrent, il-kwistjoni kienet inghalqet hemm.

Jirrizulta, madanakollu, illi dana ma kienx hekk ghall-intimat, u di fatti, fit-18 ta' Novembru 2014, l-intimat ressaq ilment dwar l-agir tar-rikorrent mal-Kamra tal-Avukati.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi fl-ilment illi l-intimat Dr Colin Calleja indirizza lis-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati kontra ir-rikorrent Dr John Bonello, huwa ghadda biex spjega il-kaz kollu kif fuq spjegat, inkluz illi huwa fit-23 ta' Lulju 2014, kien gharraf lill ahwa Debrincat illi setghu jiehdu lura c-cheque, u dana wara li kienet gia giet ppresentata l-Ittra Ufficjali u l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi.

Jirrizulta illi, wara li elenka l-fatti tal-kaz, l-intimat ghadda biex jghid u jitlob is-segwenti:

> *Min-naha taghna nhossu li dan agir kien agir abbuzziv u hawn taht qieghed nelenka kif nahseb li l-avukat Bonello abbuza mill-pozizzjoni ta' awtorita tieghu:*
>
> *2. Ilmenti dwar l-agir tal-Avukat Bonello*
>
> *(a) Abbuz mis-sistema gudizzjarja billi qatt ma messu hareg mandat kontra l-familja tieghi fil-periodu meta l-ligi tghatna zmien ta' 30 gurnata sabiex jiena u huti stajtna nevalwaw jekk ghandniex nifthu proceduri jew le. Ir-registru gharfuni illi mandat inhareg bhala wiehed kawtelatorju li wassal biex intlaqa awtomatikament minghajr ma kellna zmien ngharrfu lill gorti bil-verzjoni taghna tal fatti.*
>
> *(b) Agir accessiv minn naha tal-Avukat meta ghas-somma ta' Euro 10,200 gew sekwestrati 'l fuq minn Euro 50,000 peress illi mandat inhareg kontra familia kollha. Tnejn minn huti qeghdin fin-negozju u tnejn ohra huwa pensjonanti. Dan kien iffisser illi kemm jiena u hija li ghandna negozju ma stajniex naghmlu hlasijiet li kelna b'konsegwenzi li setghu telfu l-fiducia fina klif ukoli f'mument minnhom konna ser nehlu multi ghaliex ma stajniex nhallsu I-VAT fil-hin. Fil-kaz ta' hut penzjonanti gew f'pozizzjoni li kellhom jittallbu minghand uliedhom biex ikunu jistghu jghixu. Fil-kaz ta' wiehed minn huti kellu jhassar safra li kienet ga mhallsa.*
>
> *(c) Arroganza minn naha tal-Avukat meta ili personalment beda iwaqqafni milli nkellmu billi fug it-telephone beda jghid ili kien ser jaqtli l-linja. Sahansittra irrikattani li kien ser idahhal rapport kontrija mal-pulizija fuq harassement peress illi kont ged nipprova nikkomunika mal klijenti tieghu biex niltaqghu sabiex jigbru l-flejjez taghhom stess;*
>
> *(d) Arroganza mill-Avukat meta spicca kisirha sahansittra man-Nutar illi quddiemu dehrna ghal konvenju tant illi n-Nutar biex jehles minn kull responsabilita' ddeposita s-somma ta' Euro 10,200 il-qorti wara illi klijenti tieghu rrifjutaw illi jigbru l-flus minn ghandu jew ghandna*
>
> *(e) Agir abbuziv mill-Avukat meta huwa stqar aktar minn darba ili kien dispost biss illi jaghmel kontro mandat biex jigi rilaxxat mandat li kien hareg kontra l-familja tieghi kemm il-darba mhux talli rridu inhallsu spejjez relatati mal-hrug tal-mandat, talli aktar minn hekk riedna ncedu kull pretensjoni illi jiena u huti kellna kontra l-klijenti tieghu ghal-spejjez illi dhalna fihom meta rrangajna proprjeta skond kif talbuna li naghmlu qabel ma dhalna flimkien fuq il-konvenju.*
>
> *Ghalhekk nixtieq illi bhala ghassiesa tal-kondotta ta' avukati tistudjaw dan il-kaz u tiehdu l-azzjonijiet mehtiega biex dan agir abbuziv tal-avukat John Bonello jigi sanzionat kif mehtieg.*

Jirrizulta illi, kif stqarr is-Segretarju tal-Kamra tal-Avukati, Dr. Stefan Camilleri, fix-xhieda tieghu, in vista tal-preskrizzjoni ta' tlett xhur pprovdut mill-Artikolu 5 (2) tal-Kap 369 fil-kaz ta' ilment fuq Avukat dwar imgieba hazina maghrufa lill-persuna illi jkun ghamel l-ilment, il-Kamra tal-Avukati, sabiex tissalvagwardja d-drittijiet ta' l-intimat, li kien ghamel l-ilment, ghadda l-ilment illi huma rcevew lill Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali sabiex jigi investigat kif misthoqq.

Jirrizulta illi sussegwentement, wara illi l-ilment gie kkomunikat lir-rikorrent fl-1 ta' Dicembru 2014, fit-23 ta' Dicembru 2014 l-istess rikorrenti wiegeb ghall-akkuzi maghmulha kontra tieghu mill-intimat.

Jirrizulta illi eventwalment, fl-1 ta' Gunju 2015, kemm ir-rikorrent kif ukoll l-intimat, t-tnejn assistiti mill-Avukati taghhom, dehru quddiem il-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali fejn iz-zewgt partijiet taw il-verzjonijiet tal-fatti taghhom u sussegwentement hargu mill-udjenza sabiex il-Kumitat jiddelibera u jaghti d-decizjoni finali tieghu.

Jirrizulta illi dakinhar stess inghatat decizjoni, liema decizjoni, kif ukoll l-andament tal-proceduri kollha, jidhru fil-verbal tal-proceduri, illi jghid dan li gej:

> *Minuti tal-laqgha tal-1 ta' Gunju 2015*
>
> …
>
> *Deher Dr Colin Calleja assistit minn Dr Cynthia Scerri.*
>
> *Deher Dr John Bonello assistit minn Dr Joe Zammit Mampael.*
>
> *Dr Scerri tiddikjara li l-ilment jirrigwarda agir li sar mhux aktar tard minn 13 ta' Awwissu 2014. L-ewwel ilment minn Dr Calleja sar lill-Kamra tal-avukati fit-18 ta' Novembru 2014 u da parti taghha ghaddietu lil dan il-Kumitat u wasal ghandu fit-28 ta' Novembru 2014.*
>
> *Il-Kumitat sema' lill-partijiet.*
>
> *Il-partijiet hargu mill kamra tal udjenza.*
>
> *Billi ma jirrizulta assolutament ebda ksur ta' etika professjonali ta' Dr John Bonello, il-Kumitat jilliberah minn kull ad debitu fil-konfront u u jiegaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ilment.*

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-Kumitat, wara illi sema' lill-partijiet, wasal ghal konkluzjoni illi ma kien hemm ebda ksur ta' etika professjonali ta' parte tar-rikorrent.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi fl-1 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrenti, Dr John Bonello, nieda l-proceduri odjerni a tenur tal-Artikolu 6 (2) (c) tal-Kap 369.

Jirrizulta illi l-Artikolu 6 (2) (c) tal-Kap 369 jipprovdi dan li gej:

*Min isir ilment kontrih ikollu jedd iħarrek lil min jagħmel l-ilment minbarra d-danni li jistgħu jintalbu taħt xi liġi li tkun fis-seħħ dak iż-żmien dwar telf jew ħsara attwali, l-qorti tista' tagħti lill-persuna li kontra tagħha jkun sar l-ilment somma ta' mhux iżjed minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) jekk jinstab li l-ilment ikun infondat u jiġi pruvat li jkun sar b'negliġenza kbira, jew b'mod malizzjuż jew vessatorju.*

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi illi l-ilment tar-rikorrent kien infondat u sar b'negligenza kbira jew b'mod malizzjuz jew vessatorju.

Jirrizulta illi r-rikorrent jikkontendi li l-kwistjoni holqotlu "*hafna inkwiet, dwejjaq u ansjeta*", kif ukoll kellu jkun assistit minn avukat, li ghalih huwa kellu jhallas ghas-servizzi tieghu u sahasitra l-ilment wassal "*sal-punt li jisfrattali t-tigdid tal-polza li ghandi ghal professjonal indemnity*".

Jirrizulta illi l-intimat, da parte tieghu, filwaqt illi baqa' jikkontendi illi ma kien hemm xejn malizzjuz jew vessatorju f'dak illi ghamel, insista illi huwa ma ha ebda azzjoni kontra r-rikorrent, izda kienet il-Kamra tal-Avukati illi ghamlet l-ilment kontra r-rikorrent, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-ossevanza tal-gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel is-segwenti ossevazzjonijiet:

1. Illi huwa totalment inkredibbli u inkoncepibbli kif l-intimat u l-konsulent legali illi huwa kellu dak iz-zmien setghu qatt joholmu u jikkontemplaw illi jqajjmu, bhala l-ewwel difiza ta' l-intimat, li l-intimat ma kienx responsabbli ghall-ilment kontra r-rikorrenti illi ngieb quddiem il-Kumitat tal-Avukati u Prokuratur Legali ghax, skond huma t-tnejn, kienet il-Kamra tal-Avukati illi ghazlet illi tressaq l-ilment kontra r-rikorrent, daqslikieku kienet attwalment il-Kamra tal-Avukati u mhux l-intimat illi ressqet ilment fil-konfront tar-rikorrent.

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi kien l-intimat personalment illi fit-18 ta' Novembru 2014 ressaq ilment fil-konfront tar-rikorrent, illi ma kienx l-avukat tieghu izda kien l-avukat ta' kontra tieghu, liema ilment kien ibbazat fuq asserzjonijiet u allegazzjonijiet da' parte ta' l-istess intimat nascenti mill-fatt illi l-istess intimat ma ghandu ebda konoxxjenza tal-Ligi u tal-Kodici tal-Etika illi tirregola lill-avukati.

L-ilment twassal ghand il-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali mill-Kamra tal-Avukati sabiex id-drittijiet ta' l-intimat, illi jidher car li ma kienx a korrent taghhom, ma jigux mittiefsa rizultat tat-trapass tal-periodu ta' tlett xhur stabbilit fil-Ligi u il-Kamra tal-Avukati mexxiet bl-aktar mod korrett u leali fil-konfront ta' l-intimat meta baghet l-ilment ta' l-intimat – certament ma mexxewx b'mod leali kemm l-intimat kif ukoll il-konsulent legali illi kellu dak iz-zmien l-intimat meta ippruvaw jitfghu ir-responsabbilta' ta' kollox fuq il-Kamra tal-Avukat, allegazzjoni certament inveritjera u malizzjuza minnha innifisha!

2. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi, mill-fatti kollha kif migjuba quddiem dina l-Qorti, jidher ben ippruvat illi r-rikorrent kien qieghed jaqbdi d-dmirijiet tieghu bhala Avukat u kien qieghed jiddefendi d-drittijiet tal-klijenti tieghu tant illi, meta l-intimati bdew jaghmluha difficili illi

jirritornaw lura l-flejjes ossija depositu illi kienu obbligati jirritorna, taht il-pretest illi kienu qed jippretendu rifuzjoni ta' xi spejjez illi kien ghamlu l-intimat stess, ir-rikorrent, bhala Avukat tal-klijenti tieghu, ippresenta l-atti fil-Qorti, kif kellu kull dritt illi jaghmel, sabiex il-klijenti tieghu jiehdu lura dak illi huwa taghhom.

Jirrizulta, di fatti, kif stqarr l-istess intimat fix-xhieda tieghu, illi kien biss **<u>wara</u>** illi giet ippresentata l-Ittra Ufficjali w il-Mandat ta' Sekwestru illi huwa gharraf lill-klijenti tar-rikorrent illi setghu imorru jigbru ic-cekk minghand in-Nutar, u dana kien tard wisq, ghax kienu gia inbdew il-proceduri,u dana ma kellhom ebda tort, la il-klijenti tar-rikorrent u wisq anqas ir-rikorrent stess, izda kienet rizultat tan-nuqqas tal-familja tal-intimat u l-intimat stess.

3. Il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi r-rikorrent kien totalment korrett meta oggezzjona illi jilqa komunikazzjoni direttament minghand l-intimat, peress illi a tenur tal-Kodici tal-Etika illi tirregola l-agir tal-Avukati dan huwa prekluz, tant illi fil-Kapitolu Tnejn tat-Tielet Taqsima tal-Kodici tal-Etika illi jirregola l-Avukatura jinghad is-segwenti f'Regola 2:

> *L-avukat ma ghandux jittratta direttament ma' parti ohra, meta din il-parti tkun qabbdet avukat, hlief bil-kunsens ta' l-istess avukat; izda jekk l-avukat tal-parti l-ohra ma jwegibx fi zmien ragjonevoli, allura hu f'postu li jikteb direttament lill-parti l-ohra.*

Jirrizulta ben car illi l-intimat kien assistit minn Avukat waqt illi kienu qed isiru d-diskussjonijiet relatati mal-konvenju w it-terminazzjoni tieghu, kif jidher car mill- korrispondenza esebita fl-atti tal-proceduri odjerni, u ghalhekk huwa car illi l-intimat kellu Avukat illi kien qieghed jidher ghalih u ghalhekk ir-rikorrent kien **<u>obbligat</u>** illi jikkomunika **<u>biss</u>** mal-avukat tal-intimat u kellu **<u>obbligu</u>** illi ma jaccettax telefonati u/jew komunikazzjonijiet mill-intimat direttament – jidher car illi l-intimat ma jafx b'tali regoli u bbaza l-allegazzjonijiet fiergha fil-konfront tar-rikorrent fuq tali assunzjonijiet zbaljati.

4. Finalment, il-Qorti tosserva illi l-intimat jipprova jaghti x'jifhem illi huwa ma mexxa xejn fil-konfront tar-rikorrent u ma kellux intenzjoni ili jmexxi kontrieh – dwar dana, madanakollu, ma jidher xejn fil-provi prodotti, u di fatti, jirrizulta l-oppost, ghax jirrizulta illi l-intimat, mgharraf li l-kaz tieghu kien ser jinstema quddiem il-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali, mhux talli waqqaf il-proceduri kontra r-rikorrent, izda talli attenda ghas-seduta fl-1 ta' Gunju 2015 akkumpanjat mill-konsulent legali tieghu u sahansitra ta' il-verzjonijiet tal-fatti tieghu,

Jigifieri, jidher car illi, mhux talli ma riedx illi l-proceduri jitmexxew kontra l-intimat, izda talli ha hsieb illi jattendi ghas-smiegh u xehed ukoll dwar ir-ragunijiet tieghu ghall-ilment.

Ghalhekk, il-Qorti tara illi l-azzjoni ta' l-intimat meta huwa irrapporta lir-rikorrent fejn allega li, bhala Avukat kontra tieghu, ir-rikorrent huwa mexxa abbusivament kontra tieghu, ma kienet xejn aktar milli azzjoni malizzjuza u vesassatorja da' parte ta' l-intimat sabiex jirreka hsara lir-rikorrent, illi kull ma kien qieghed jaghmel kien illi kien qieghed jaqdu d-dmijiret tieghu bhala Avukat tal-klijenti tieghu u kien qieghed jiddefendi d-drittijiet tal-klijenti tieghu, kif, del resto, kellu obbligu illi jaghmel.

Tali malizzja hija ukoll riskontrata fid-difiza illi huwa ghazel illi jaghmel fejn ipprova jahrab mir-responsabbilta' billi jallega illi kienet il-Kamra tal-Avukati li mexxiet kontra ir-rikorrent u mhux l-intimat stess – tali linja ta' difiza malizzjuza u qarrieqa kif ukoll il-malizja fir-rapport ta' l-intimat ser jigu riflessi fil-penali.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tiddikjara** illi l-ilment illi ghamel l-intimat Dr Colin Calleja fil-konfront ta' Dr John Bonello kien infondat u sar b'mod malizzjuz u vessatorju, u ghalhekk

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrent fis-somma ta' mitejn, sitta u tletin euro (€236), u

**Tikkundanna** lill intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mitejn sitta u tletin Euro (€236), in kwantu danni kif ukoll is-somma ta' elf Euro (€1,000) bhala penali kif stabbilit fl-Artikolu 6 (2) (c) tal-Kap 369 ossija l-Att dwar Kummissjoni ghall-Amministrazjoni tal-Gustizzja, li flimkien jaghmlu s-somma ta' **elf, mitejn u sitta u tletin Euro (€1,236)**

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku ta' l-intimat.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur